# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 25 ta' Gunju, 2018**

**Numru 10**

**Rikors Numru 1606/2017TA**

**Fl-atti tal-mandat ta' zgumbrament numru 1606/2017 fl-ismijiet:-**

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

**vs**

**Antoine u Antonia sive Ninette mizzewgin Vassallo, karti tal-identita rispettivi numri 825847M u 187446M**

**<u>Provvediment</u>**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-konjugi Vassallo tal-24 ta' Mejju 2018;

Rat ir-risposta tal-Bank intimat  tat-30 ta' Mejju 2018;

Rat l-artiklu 281 tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat**

Kif osservat il-Qorti fir-rikors ta' **Rose Holland, wara l-mandat ta' qbid esekuttiv (mandat numru 1817/11MB u 1818/11MB fl-ismijiet Victor Fenech et -vs- Anthony Fountain et - PA/JRM)**, ir-rimedju taht artiklu 281 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta huwa wiehed specjali.

Din il-Qorti kif presjeduta tifhem ghaliex saret din l-osservazzjoni. Il-frustrazzjoni ta' mandat ezekuttiv ikun effettivament qieghed jikkawza l-ineffikacja, anke jekk ghall-mument, ta' titolu li jkun sar esekuttiv skont il-ligi u aktar gravi jekk dan it-titolu jitnissel minn Decizjoni li tkun marret in gudikat.

Huwa propju ghalhekk, li artiklu 281 tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta jiddisponi dwar it-thassir ghal kollox jew in parte u mhux is-sospensjoni tal-effetti ta' mandat ezekuttiv. Dan ghaliex, dan ir-rimedju huwa biss disponibbli f'dawk ic-cirkostanzi li javveraw bejn meta jigi krejat it-titolu ezekuttiv sakemm jigi ezegwit fis-sens li jkunu sehhew cirkostanzi materjali li jissodisfaw parti jew il-mertu kollu ta' dak li jkun qed jintalab li jkun esegwit b'dak il-mandat.

Ghalhekk, is-sospensjoni ma hiex ammissibbli taht artiklu 281 tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta. Dan gie ukoll ribadit f'**Decizjoni tal-Appell Civili fl-ismijiet Persiano vs Persiano tal-5 ta' Frar 2002 (Kollezz LXXXV.ii.257)**. Il-Qorti zzid, li fejn il-ligi riedet li tkun ammissibbli is-sospensjoni, bhal fil-kaz

ta’ ezekuzzjoni ta’ Sentenza , dan qalitu bla tlaqliq, bhal per ezempju artiklu 823 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta. Fil-kaz ta’ artiklu 281 tal-Kap 12 tal-ligijiet ta’ Malta dan ma qalitux.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi, l-Qorti qeghdha tichad it-talbiet kollha tal-konjugi Vassallo kif mitluba fir-rikors taghhom fuq imsemmi.

Spejjes tal-presenti a` karigu tar-rikorrenti konjugi Vassallo.

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**